MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru 32/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Sodjuma sive Sadjuma Djalo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 32 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Sodjuma sive Sadjuma Djalo , li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Diċembru tas- sena elfejn u sebgħa (2007), u fil-gimgħat u xhur ta' qabel, **SODJUMA sive Sadjuma DJALO** (minn hawn il-quddiem magħruf bħala "l-akkużat") iddeċieda illi jibda jassoċja ruħu ma' nies oħrajn sabiex jibda jimporta, jmexxi u jittraffika fid-droga herojina f'Malta.

Fil-fatt fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkużat għamel xi żmien jgħix f'Valenzia fi Spanja fejn hemmhekk iltaqgħa ma' tfajla prostituta. Waqt

konversazzjonijiet li għamel ma’ din it-tfajla, din kienet tat lill- akkużat informazzjoni dwar persuni li l-akkużat seta’ jagħmel kuntatt u jassoċja ruħu magħhom biex ikun jista jidħol fin-negozju tat-trasport u traffikar tad-drogi.

Fil-fatt wara ltaqa’ ma’ persuna f’Madrid, Spanja, l-akkużat ftiehem ma’ din il-persuna li kellu jiġi lejn Malta wara li jkun inġerixxa ammont sostanzjali ta’ kapsoli li fihom kellu jkun hemm maħżuna l-imsemmija droga. Kif jasal Malta dan kellu jmur jikkonsenja d-droga għand persuna oħra billi jmur jiltaqgħa magħha fil-Hotel San Pawl. Għas- servizz tiegħu li jżomm, jimporta u jforni d-droga herojina msemmija, l- akkużat kellu jitħallas ammont ta’ elfejn Euro (€2000) mingħand il- persuna hawn Malta li lilha kien ser jikkonsenja din id-droga.

B’hekk l-akkużat jiġi li ftiehem u pjana ma’ persuna jew persuni oħra, mhux biss in-natura u l-piż tad-droga li kellu jittrasporta f’Malta (herojina), iżda wkoll ir-rotta li kellu jaqbad biex jasal f’ Malta (Madrid, Spanja – Milan, Italja – Malta) kif ukoll il-mod ta’ kif id-droga kellha tiġi ppakkjata u moħbija (“body-packing” ta’ kapsoli bl-herojina), kif ukoll il- mezz tat-trasport (bl-ajru), li permezz tiegħu kellu jasal f’Malta jġorr fl- intern tiegħu tali droga sabiex eventwalment din id-droga herojina tkun tista’ tiġi imqasmma w traffikata f’Malta.

In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat fil-fatt inġerixxa tnejn u ħamsin kapsola li kienu jikkontjenu 705.82 grammi ta’ d-droga herojina (il-“kapsoli”). Il-persuna li ltaqa’ magħha f’Madrid xtratlu wkoll biljett ta’ l-ajru lejn Malta u lura u tagħtu wkoll elfejn Euro (€2000). B’hekk fil-21 ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- akkużat waqt li kien qiegħed iġorr fl-intern tiegħu dawn il-kapsoli, wasal Malta minn Madrid via Milan fuq it-titjira tal-Alitalia AZ884.

Fortunatament il-Pulizija Maltija, minn investigazzjoni li kienet qed tagħmel, irriżultalha li fuq din it-titjira kellha tasal Malta persuna li kienet qed tagħmilha ta’ “courier” fil-qasam tal-ġarr tad-droga u fil-fatt

interċettaw din it-titjira AZ884 li fuqha kien qed jivjaġġa l-akkużat. Fil- fatt mal-wasla tiegħu f'Malta uffiċjali tal-Pulizija segwew lill-akkużat u arrestawh. L-akkużat ġie wkoll mistieden mill-Pulizija sabiex jittieħed l-isptar Mater Dei sabiex isirulu aktar investigazzjonijiet u minn x-ray ta' l- intern tiegħu irriżulta li l-akkużat fil-fatt kien qiegħed jagħti profil ta' "body packing" ta' xi kapsoli.

Wara li nżamm fl-isptar Mater Dei irriżulta li l-akkużat beda jipporga dawn il-kapsoli li, wara eżamijiet li saru fuqhom minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti rriżulta li kien fihom id-droga herojina f'ammont nett ta' 705.82 grammi b'purita ta' madwar 31.4%.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu, l-akkużat sar ħati talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Sodjuma sive Sadjuma Djalo talli fil-21 ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett

mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-kuntest ta' ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża u ċioe' fil-21 ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u xhur preċedenti waqt li kien f'Madrid, Spanja, l-akkużat iltaqa ma' persuna u bejniethom ftehemu li l-akkużat kellu jimporta klandestinament f'Malta kwantità tad-droga herojina sabiex din tiġi mibjugħa u ttraffikata f'Malta.

Di fatti huma ftehemu li l-akkużat kellu jigi lejn Malta wara li jkun inġerixxa ammont ta' 52 kapsola mimlija bid-droga herojina. In eżekuzzjoni ta' dan il-pjan tagħhom, fil-21 ta' Diċembru tas-sena 2007, l-akkużat telaq minn Madrid, Spanja wara li kien inġerixxa l-kapsoli tad- droga hawn fuq imsemmija fl-intern tiegħu u rikeb l-ajruplan lejn Malta minn Madrid, via Milan fuq it-titjira AZ884. Dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkużat niżel l-art, u b'hekk l-akkużat irnexxielu li jimporta konxjament fil-Gżejjer Maltin 52 kapsola mimlija b'705.82 grammi ta' droga herojina.

Iżda b'xorti tajba, hu u għaddej mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, uffiċjali tal-Pulizija Maltija interċettawh, waqqfuh u peress li kellhom suspett fondat li l-akkużat kien qiegħed iġorr kapsoli bid-droga fl-intern tiegħu, stiednuh sabiex imur magħhom l-isptar

Mater Dei biex jagħmel x-rays ta' l-intern tiegħu. Fil-fatt minn dawn l- x-rays irriżulta li kien hemm evidenza ta' "body-packing" ta' kapsoli u wara ftit ħin, l-akkużat ipporga 52 kapsola li wara eżamijiet li saru minn esperti maħtura mill- Maġistrat Inkwirenti rriżulta li kien fihom id-droga herojina f'ammont nett ta' 705.82 grammi b'purita ta' madwar 31.4%.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Sodjuma sive Sadjuma Djalo sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet hawn fuq imsemmija f'dan il-kap ta' dan l-att t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Sodjuma sive Sadjuma Djalo talli nhar il-21 ta' Diċembru 2007 importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida;

U talab illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23,

23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generalippremetta fit-Tielet Kap illi fil-kuntest ta' żmien, lok u ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-21 ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- akkużat Sodjuma sive Sadjuma Djalo, mal-wasla tiegħu f'Malta, kellu misjuba fl-intern tiegħu tnejn u ħamsin kapsola mimlija b'705.82 grammi ta' droga herojina, u għalhekk kien fil-pussess konxju ta' dan l-ammont ta' droga herojina, li kienet intiża biex tigi kkonsenjata mill-akkużat lil persuna oħra f'Malta sabiex eventwalment tiġi mmexxija u traffikata f'Malta. Fortunatament l-intervent f'waqtu ta' l-uffiċjali tal-Pulizija fl-ajruport internazzjonali ta' Malta sfratta dan il- pjan. Din id-droga ma kienetx intiża minn Sodjuma sive Sadjuma Djalo biex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Sodjuma sive Sadjuma Djalo sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma

ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Sodjuma sive Sadjuma Djalo talli fil-21 ta' Diċembru 2007 kellu fil-pussess konxju tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil- pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tiegħu;

u talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-

Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Sodjuma sive Sadjuma Djalo hati talli :-

1. f'Dicembru tas-sena 2007 u fil-gimghat u xhur ta' qabel assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;

2. fil-21 ta' Dicembru 2007, importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida; w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza ;

3. fil-21 ta' Dicembru, 2007 kellu fil-pussess konxju tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor

bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu; w dan skond it-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali tal-hati;

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza ghall-fini tal-piena huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Charmaine Cherrett li jinsabu registrati w senjatament illi l-akkuzat kien ilu madwar sentejn arrestat, li kien ammetta l-htija tieghu fl-istqarrija li ghamel mal-Pulizija w li kien ikkoopera fl-investigazzjoni.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja w senjatament li f'dan il-kaz si trattava ta' importazzjoni ta' 705.82 grammi tad-droga erojina f'kapsoli ingestiti minnu li kellhom purita' ta' madwar 31.4%, li kieku ma gietx intercettata mill-forzi tal-ordni, kienet tkompli taghmel hsara ngenti w irrimedjabbli fuq iz-zghazagh Maltin u li ghalhekk il-piena kellha tkun konfacenti mas-serjeta' tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-

proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament il-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w ix-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) u l-proviso (aa)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w r-Regola 9 tar-Regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern fuq Id-Drogi Perikoluzi w l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati**, Sodjuma sive Sadjuma Djalo,** ghall-piena komplessiva ta' hdax (11) il-sena prigunerija w ghall-multa ta' tletin elf Ewro (€30,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mija w sitta w tletin Euro w hdax il-centezmu (€1136.11), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a

konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------